MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2006

Talba Numru. 242/2005

**Vincent Cuschieri Limited**

**Vs**

**Jason Sultana**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta Jannar 2005, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' erba mija u sebgha u ghoxrin lira disgha u sittin centezmu (Lm427.69) rapprezentanti prezz ta merkanzija mibjugha u konsenjata lill-konvenut.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja datata 5 ta Novembru 2004 u bl-imghaxijiet skond il-ligi dekorribbli mid-data tal-fattura relattiva kontra l-konvenut ingunt minn issa biex jidher ghas-subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-attur noe sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat legalment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tad-9 ta Novembru 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma mitluba ta' erba mija u sebgha u ghoxrin lira disgha u sittin centezmu (Lm427.69) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta din is-sentenza u bl-ispejjes ta' dina l-istanza a karigu tal-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------